MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## ANTONIO MIZZI

Seduta tad-9 ta' April, 2014

Appell Kriminali Numru. 308/2012

Il-Pulizija

(Spettur Ramon Mercieca)

vs

**John Tanti**

iben Alfred, imwieled Pieta' fit-2 ta' Settembru, 1968, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 378768(M)

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant John Tanti, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) :

Talli bhala persuna registrata mad-Direttur Generali tat-Taxxa fuq il- Valur Mizjud skont l-Att ta' 1-1998 dwar Taxxa fuq il- Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta' 1-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att, naqas li jikkonforma ruhu mas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 14 ta' Ottubru, 2010, u moghtija fil- konfront tieghu in kwantu li

naqas kif ordnat fl-imsemmija sentenza li fi zmien tlett xhur mid-data tas-sentenza, li jikkonforma ruhu mal-ligi u fin-nuqqas jehel multa ohra ta' hmistax-il Euro ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas wara li jghaddi l-imsemmi zmien.

Ghalhekk, il-prosekuzzjoni talbet li l-imsemrni imputat jigi kkundannat li jhallas il-penali msemmija fis-sentenza fuq riferita ghall-perjodu li jibda mil-15 ta' Jannar, 2011 sat-30 ta' Settembru, 2011, salv kull penali ghal nuqqas ulterjuri.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-31 ta' Mejju, 2012 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u ikkundannatu ghal hlas ta' multa ta' €3,885 (tlett elef tmien mija u hamsa u tmenin Euro), multa rapprezentattiva l-perjodu ta' bejn it-15 ta' Jannar, 2011 sat-30 ta' Settembru, 2011

Rat ir-rikors tal-appellant John Tanti minnu pprezentat fit-13 ta' Gunju, 2012 fejn talab li din il-Qorti jogħoġobha tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tilliberah minn kull htija u piena u okkorendo jekk ikun il-kaz, subordinatament, tipprovdi ghall-piena aktar mita u idoneja.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant huwa li l-Qorti tal-Magistrati fis-sentenza taghha naqset illi tikkwota l-artikolu tal-Ligi li a bazi tieghu sabet il-htija fl-imputat.

Illi skont il-gurisprudenza nostrana, n-nuqqas li jigu rispettati strettament ir-rekwiziti stabbiliti fl-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jimporta n-nullita tas-sentenza appellata, u dan minhabba li dan in-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali.

Illi l-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment illi: "Il-Qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat".

Illi l-Qorti tal-Magistrati fis-sentenza taghha ma semmietx l-artikolu li a bazi tieghu instabet il-htija izda qalet biss illi 'rat l-Artikolu tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta'.

Illi ghaldaqstant l-appellant jissottometti illi dan in-nuqqas jikkostitiwixxi nuqqas ta' formalita' sostanzjali li jgib in-nullita tas-sentenza appellata.

Illi t-tieni aggravju tal-appellant huwa li d-difiza naqset illi tipproduci l-ahjar prova tan-nuqqas tal-hlas u naqset milli tezebixxi vera kopja tas-sentenza tal-14 ta' Ottubru, 2010 li a bazi taghha, l-appellant gie kkundannat ihallas multa addizzjonali.

Illi l-appellant jemmen illi minghajr dawn il-provi l-appellant ma setgha qatt instab hati tal-akkuzi kif dedotti u r-raguni li taghti l-Qorti tal-ewwel istanza li 'huwa fizikament impossibli ghall-prosekuzzjoni li ggib prova dokumentali ta' nuqqas ta' hlas' tmur kontra l-principju tal-aqwa prova li tant huwa importanti fi proceduri kriminali.

Illi fi kwalunkwe kaz, zgur ma kienitx daqstant impossibli ghall-prosekuzzjoni li tipprezenta vera kopja tas-sentenza tal-14 ta' Ottubru, 2010 li kienet facilment ottenibbli mir-registru tal-Qorti tal-Magistrati.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fis-seduta tal-15 ta' Jannar, 2014 il-Qorti giet infurmata li l-appellant kien hallas il-multa ta' seba' mitt euro (€700) li kienet giet imposta mill-ewwel Qorti.

Illi r-rappresentant tal-VAT office kienet infurmat din il-Qorti li r-returns kienu gew sottomessi fil-25 ta' April, 2012.

Illi l-Qorti giet infurmata li l-multa dovuta tkopri l-perjodu li jmur mill-15 ta' Jannar, 2011 sat-30 ta' Settembru, 2011.

Illi din il-Qorti taghmel referenza ghall-Att numru XIV tas-sena 2013 fejn il-penali li ghandha tithallas mill-appellant hija ta' elf mitejn u hamsa u disghin euro (€1,295).

Illi l-appellant jipposponi mill-appell tieghu billi jaqbel li ghandu jhallas il-penali hawn fuq imsemmija.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tiddisponi minn dan l-appell billi tikkonferma s-sentenza appellata. Dwar il-multa mposta mill-ewwel Qorti a bazi tal-Att hawn fuq imsemmi thassar u tirrevoka l-multa nflitta u minflok tikkundanna lill-appellant John Tanti ghal hlas ta' multa ta' elf mitejn u hamsa u disghin euro (€1,295).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------